MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

**MAGISTRAT DR.
GIOVANNI GRIXTI**

Seduta tad-19 ta' Frar, 2009

Rikors Numru. 25/2002

**Kummissarju ta’ l-Art
vs
Valerie Seychell**

Il-Bord;

Ra r-rikors tal-Kummissarju ta’ l-Art li jghid:

Illi l-intimata giet notifikata b’Avviz ghall-Ftehim datat 4 ta’ Gunju, 2002 fejn giet infurmata li l-kumpens li l-awtorita’ kompetenti hija lesta biex thallas ghax-xiri assolut bhala frank u liberu tal-fond fl-Imsida bin-numru 40, fi Triq il-Wied huwa ta’ sitt elef Lira Maltin (Lm6,000) kif jidher mir-rapport tal-perit Joseph Mizzi A&C.E. tal-10 ta’ Lulju, 2000 li estratt tieghu Dok A hija annessa ma’ l-istess Avviz ghall-Ftehim.

Illi b’ittra ufficjali tal-21 ta’ Gunju, 2002 l-intimata fost affarijiet ohra tiddikjara li ma taccettax il-kumpens offert u

titlob li dan il-kumpens ghandu jkun ta’ erbatax-il elf u hames mitt Lira Maltin (Lm16,000).

Ghaldaqstant ir-rikorrent jitlob bir-rispett li dan il-Bord joghgbu jordna lill-intimata biex tittrasferixxi favur ir-rikorrent b’titolu ta’ xiri assolut bhala frank u liberu l-fond fuq imsemmi jiffissa kumpens relattiv, jinnomina lin-Nutar Vincent Miceli bhala Nutar tad-Dipartiment ta’ l-Art jew lin-Nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att relattiv f’dik il-gurnata, hin u lok lil dan il-Bord joghgbu jistabilixxi, jinnomina kuratur biex jidher ghall-eventwali kontumaci fuq l-att u jaghti l-provvedimenti l-ohra kollha mehtiega skond id-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar l-Akkwist ta’ Artijiet ghal Skopijiet Pubblici (Kap. 88).

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkonsidra:

Illi din l-esproprijazzjoni tirridgwarda l-fond numru 40 fi Triq il-Wied, Msida. L-perit arkitett Mariello Spiteri prodott mill-intimati bhala espert *ex parte* ddikjara li wara li spezzjona dan il-fond hu tal-fehma illi dan ghandu valur ta’ Lm18,000. L-perit arkitett tar-rikorrenti ghamel stima tal-fond fil-valur ta’ Lm6500.

Illi f’din il-materja l-Bord kien assistit mill-periti teknici tieghu, l-AIC David Pace u l-AIC Frederick Valentino li wara li ezaminaw is-sit kif ukoll id-dokumenti esebiti inkluz ix-xhieda tal-intimata, ikkonkludew bil-mod segwenti skond kif jirrizulta fir-relazzjoni taghhom annessa u formanti parti minn din is-sentenza:

“Wara li ahna ezaminajna d-dokumenti relattivi elenkati fil-process flimkien max-xhieda w l-provi mressqin; wara li hadna in konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha relatati ma’ dan il-kaz in ezami fosthom tip ta’ binjiet ohra fl-istess lokalita’ flimkien ma l-estensjoni u konsistenza fizika tal-istess fond esproprijanda, w il-kondizzjoni attwali ta’ l-istess binja waqt l-access flimkien ma fatturi relevanti ohra minn

kalkoli li ahna ghamilna, nistmaw il-valur ta’ l-istess fond kummercjali fis-somma ta’ hdax-il elf sitt mija u sittin lirl Maltin liberu u frank (Lm11,660.00) ekwivalenti ghall Euros 27,160.49.

Illi ai termini tal-artikolu 25 tal-Kap 88, meta l-membri teknici ikunu unanimi fid-decizjoni taghhom, l-Bord ghandu jiddeciedi skond il-kumpens hekk dikjarat mill-istess membri. Ghal dawn il-mottivi, il-Bord jilqa’ t-talbiet tar-rikorrenti u jordna lill-intimata li titrasferixxi bhala liberu u frank b’titolu ta’ xiri assolut l-fond kummercjali 40, Triq il-Wied, Msida u dan versu l-kumpens ta’ seba’ u ghoxrin elf, mija u sittin euro u disgha u erbghin centezmu (Euro 27,160.49.) oltre l-imghax legali spettanti lill-intimata. Jahtar lin-Nutar Dr. Vincenti Miceli bhala Nutar tar-rikorrenti jew in-nutar li jkun jaghmel minfloku biex jippubblika l-att fit-20 ta’ Marzu, 2009 fis-1.30 pm fl-ufficju tar-rikorrent u jahtar lill-avukat Dr. Richard Sladden LL.D. biex jidher fuq l-att ghall-eventwali kontumaci li ghandu jkun mgharraf bil-hatra tieghu bil-miktub mir-rikorrenti. L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------